# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(Agent President)**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Marzu,2019.**

**Numru 1**

**Rikors numru 881/08**

**Anthony E. Guillaumier, John Guillaumier, Paul Guillaumier u b'digriet tal-25 ta' Mejju 2010 l-atti gew trasfużi f'isem Renate Guillaumier bħala l-uniku eredi stante li l-istess Paul Guillaumier miet fil-mori tal-kawża; Marlene Laspina, Francis Dingli u b'digriet tas-7 ta' Ottubru, 2016 Mary Dingli, Anthony Dingli, Josephine Cilia u Carmen Vella gew awtorizzati jassum l-atti minflok Francis Dingli li miet fil-mori tal-kawża; Mary Dingli, Anthony Dingli, Josephin Cilia, Carmen Vella, Frank Abela u b'digriet tad-9 ta' Ottubru, 2017 stante l-mewt tiegħu l-atti ġew trasfużi f'isem Josephine Cachia, Dr Thomas Abela, Mary Rose Pool, Lorenza Abela Fazio u Teresa Zammit Marmara; u martu Rita Abela u b'digriet tal-31 ta' Ottubru 2017 stante l-mewt tagħha l-atti ġew trasfużi f'isem Josephine Cachia, Dr Thomas Abela, May Rose Pool, Lorenza Abela Fazio u Teresa Zammit Marmara; Raymond Mintoff u b'digriet tad-9 ta' Ottubru, 2017 stante l-mewt tiegħu l-atti ġew trasfużi f'isem Marcella Mangion, Christopher Mintoff u Stephanie Mintoff; u martu Josephine Mintoff, u l-kumpannija Prestressed Company Limited (C-666)**

**v.**

**Daniel Orsini u b'digriet tas-26 ta' Ottubru 2009 gie kjamat fil-kawza Alfred Orsini**

1. B'rikors ġuramentat preżentat fl-1 ta' Settembru, 2008 l-atturi ħarrku lill-konvenut sabiex ikun żgumbrat minn fond li għandu aċċess għalih mill-bieb numru 4, Sur ta' San Salvatur, Triq Gdida fi Triq San Dwardu, Birgu u li l-atturi jsostnu li hu proprjetà tagħhom. Fis-26 ta' Ottubru, 2009 ingħata digriet li bih issejjaħ fil-kawża Alfred Orsini. It-talbiet fir-rikors ġuramentat jaqraw:

> *"2. Tiddikjara illi l-intimat qiegħed jokkupa parti mill-proprjeta' tar-rikorrenti li jaċċedi għaliha mill-bieb immarkat bin-numru erbgħa (4) fis-Sur ta' San Salvatur, fi Triq Ġdida fi Triq San Dwardu, Birgu, Malta, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.*
>
> *"3.Tordna lill-intimat sabiex fit-terminu qasir u perentorju li din l-Onorabbli jogħġobha tipprefiġġi, jiżgombra mill-imsemmija proprjeta".*

2. L-atturi jsostnu li huma koproprjetarji ta' parti mis-sur ta' San Salvatur, Triq San Dwardu, Birgu bis-sahha ta' kuntratt ta' enfitewsi tad-29 ta' Marzu, 1958 pubblikat min-nutar Dr Victor Miller u att ta' akkwist tad-dirett dominju tas-27 ta' Jannar, 1982 pubblikat min-nutar Alexander Grech.

3. Il-konvenut iddefenda ruħu billi argumenta li l-atturi għandhom jidentifikaw il-proprjetà li jippretendu li hi tagħhom u jippruvaw it-titolu, kif ukoll li l-fond m'huwiex proprjetà tal-atturi imma ta' missieru.

4. L-imsejjaħ fil-kawża argumenta li hu sid il-fond oġġett tal-kawża u l-fond m'huwiex proprjetà tal-atturi.

5. B'sentenza tal-24 ta' Frar, 2012 il-Prim'Awla ċaħdet l-eċċezzjonijiet u laqgħat it-tieni u tielet talbiet, u għall-finijiet ta' żgumbrament iffissat terminu ta' xahrejn. L-ewwel qorti rraġunat li:

i. Mill-kuntratti li ppreżentaw l-atturi, ippruvaw it-titolu tagħhom;
ii. Oriġinarjament il-konvenut u l-imsejjaħ fil-kawża kienu aċċettaw li joħorġu mill-proprjetà oġġett tal-kawża;
iii. Il-provi tal-atturi huma iktar konvinċenti minn dawk tal-konvenut u l-imsejjaħ fil-kawża. Għalkemm dawn tal-aħħar okkupaw l-art, il-qorti qalet li konvinta li kienu jafu li m'hijiex tagħhom u qegħdin jokkupawha b'tolleranza. Il-qorti kompliet billi staqsiet, *"għaliex ma saritx denunzja fl-okkażjoni tal-mewt ta' missier l-imsejjaħ fil-kawża?"*

6. Mis-sentenza appellaw il-konvenut u l-imsejjaħ fil-kawża. L-aggravji huma li:

i. Ma saritx il-prova rigoruża tat-titolu meħtieġ mill-atturi.

ii. L-ewwel qorti m'għamlitx apprezzament tal-elementi tal-preskrizzjoni ta' tletin sena. Huma jsostnu li ilhom jokkupaw b'mod esklussiv il-post in kwistjoni sa minn qabel l-atturi u l-awturi tagħhom igħidu li akkwistawha.

7. L-atturi wieġbu u taw ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud u s-sentenza appellata konfermata.

8. Il-proprjetà oġġett tal-kawża hi mmarkata fil-pjanta li tinsab a fol. 39, b'faċċata fuq Triq Santa Liberata.

9. B'kuntratt tad-29 ta' Marzu, 1958 uhud mill-atturi f'isimhom u għan-nom ta' Prestressed Concrete (Malta) Limited, flimkien ma' oħrajn, akkwistaw mingħand il-Gvern u b'seħħ mill-24 ta' Marzu, 1958, b'enfitewsi perpetwa:

> *"... that part of San Salvatore Bastion, Vittoriosa, of the area of one hundred and twenty six thousand, five hundred and nine square feet, shown edged in blue on the plan hereto attached for registration marked 'X', with all the buildings existing thereon, including the premises, formerly known as San Salvatore Reformatory, which is accessible from a Main Gate without number, in the glacis along Saint Edward's Street to the South of the said part of the Bastion and from another gate without number in the said part of a bastion to the South East, bounded the said part of a bastion on the North partly by a ditch (property of the Government), partly by Santa Liberata Street, on the East by the remaining part of the said bastion, on the South by the clacis along Saint Edward's Street and on the West partly by the said ditch and party by Civil Government property".*

10. Ma' dak il-kuntratt hemm pjanta li fiha hemm muri l-art oġġett tal-kuntratt.[1] L-immobbli li kienet akkwistata b'titolu ta' enfitewsi perpetwa tinkludi dik oġġett tal-kawża. Il-konvenut u l-imsejjaħ fil-kawża ma kkontestawx li l-ambjenti oġġett tal-kawża huma dawk indikati fil-pjanti li ppreżentaw l-atturi a fol. 39, u li huma inkorporati fl-immobbli oġġett tal-kuntratt ta' enfitewsi tal-1958.

11. B'kuntratt tas-27 ta' Jannar, 1982 pubblikat min-nutar Alexander Grech, l-istess persuni akkwistaw mingħand il-Gvern id-dirett dominju in perpetwu tal-proprjetà li kienu akkwistaw b'enfitewsi perpetwa bl-att tal-24 ta' Marzu, 1958 għall-prezz ta' Lm2,000.

12. Fiż-żewġ kuntratti li saru mal-Gvern Malti, ma tissemmiex il-provenjenza tal-proprjetà. Madankollu hu fatt magħruf li l-immobbli oġġett tal-kuntratt tal-1958 kien parti mill-Forti San Salvatur li nbena mill-Kavallieri ta' San Ġwann fis-seklu tmintax meta ġie integrat mal-*Cottonera Lines* (Swar tal-Kottonera), u b'hekk saru ħaġa waħda. Post li skont ir-*records* tal-gvern (ara pjanta tal-kuntratt tal-1958) kien imsemmi bħala *Slavatore Reformatory*. Fil-fatt fil-bidu tas-seklu għoxrin il-forti ntuża mill-Ingliżi bħala riformatorju għaż-żgħażagħ. Fl-istess forti għall-perjodu qasir matul is-sena 1940 kienu tpoġġew persuni li ġew internati minħabba li kienu jissimpatizzaw mat-Taljani. Mill-pjanta mehmuża mal-kuntratt tal-1958 hu evidenti li l-ambjenti li llum huma oġġett ta' din il-

1 Fol. 65.

kawża kienu *annexed* mal-Forti San Salvatur. Post storiku li fl-1958 il-Gvern Malti ta' dak iż-żmien[2] kien ta parti minnu lill-kumpannija Pre-stressed Concrete (Malta) Limited. L-ambjenti meritu tal-kawża jinsabu fuq is-Swar tal-Kottonera. F'din il-parti tas-Swar tal-Kottonera hemm ukoll dik li hi magħrufa bħala San Salvatore Gate, li llum tinsab fi stat dilapidat. Il-fatti storiċi li rreferiet għalihom il-qorti jinsabu fid-dominju pubbliku. Forti San Salvatur u s-San Salvatore Bastion huma postijiet storiċi li kienu fil-pussess tal-Ingliżi u eventwalment tal-Gvern ta' Malta għal għexieren ta' snin. Dan apparti li m'hemm l-ebda prova li l-Forti u din il-parti tas-swar tal-Kottonera kienu qatt proprjetà tal-privat, u, skont il-liġi kif kienet fiż-żmien li sar it-trasferiment, proprjetà bla sid kienet tal-Istat (artikolu 327 tal-Kodiċi Ċivili).

13. Jirriżulta wkoll li f'xi żmien l-ambjenti oġġett tal-kawża u ambjenti oħra li kienu wkoll oġġett tal-kuntratt tal-158 inqasmu għaliex il-Gvern bena Triq Santa Liberata. Minn dak li xehdu l-atturi jidher li dan sar f'xi żmien matul is-snin sebgħin.

14. Mal-iffirmar tal-kuntratt l-atturi daħlu fil-pussess tal-fond oġġett tal-kuntratt tal-1958 (ara affidavits ta' Frank Abela[3] u Francis Dingli[4]). Kif ser jingħad hawn taħt il-qorti m'hijiex moralment konvinta li l-imsejjaħ fil-

---

2 Fil-kuntratt jingħad li l-konċessjoni kienet approvata *'by His Excellency the Governor's Deputy'*.
3 Fol. 33.
4 Fol. 101.

kawża ressaq provi sodisfaċenti li f'dak iż-żmien kellu l-pussess tal-ambjenti oġġett tal-kawża. Il-qorti pjuttost temmen li kien f'xi żmien matul is-snin sebgħin 'il quddiem li l-konvenut daħal fil-pussess tal-ambjenti in kwistjoni, ċjoe' wara li inbniet Triq Santa Liberata li għaddiet proprju minn ġewwa l-proprjeta li l-atturi akkwistaw fl-1958 b'enfitewsi perpetwa mingħand il-Gvern.

15. B'hekk il-kuntratt tal-1958 hu titolu u l-atturi kellhom il-pussess tal-fond. Pussess li qabel kien għand l-Ingliżi u eventalment għand il-Gvern ta' Malta għall-għexieren ta' snin. Fiċ-ċirkostanzi, l-appellati ssosdisfaw il-prova li kien hemm bżonn li ssir f'azzjoni ta' din ix-xorta.

16. Fl-eċċezzjonijiet il-konvenut ma jippretendix li għandu titolu fuq il-post oġġett tal-kawża. Mill-provi rriżulta li:

i. B'ittra datata 11 ta' Ottubru, 2007[5] Prestressed Concrete Ltd infurmat lill-Awtorita' tad-Djar li għall-aħħar tliet snin u nofs Daniel Orsini kien qiegħed jokkupa b'tolleranza l-fond numru 4, San Salvatore Bastions, Triq Ġdida fi Triq San Dwardu, Birgu. Intqal ukoll, *"We are now asking Mr Orsini to vacate the tenement before the 12th November 2007 as the place has been sold to a third party with vacant possession"*. Il-qorti tqis kredibbli dak li xehed Anthony

5 Fol. 38.

Guillaumier, dwar dak li wassal biex tintbagħat dik l-ittra.[6] In kontro-eżami ma qal xejn li jista' jwassal lill-qorti biex tiddubita mill-veraċita ta' dik il-verżjoni. Ittra li l-Awtorita' tad-Djar irċeviet skond ma xehedet Carmen Azzopardi, uffiċjal tal-istess Awtorita'.[7]

ii. Jekk il-konvenut kellu jedd reali jew personali fuq il-fond u kien qiegħed jopponi l-pretensjoni tal-atturi, ma kellux bżonn dik it-tip ta' ittra mingħand Prestressed Concrete Ltd. L-istess raġunament igħodd jekk il-fond kien proprjeta ta' missieru, Alfred Orsini. Il-qorti żżid li m'hemmx provi li setgħu jindikaw li dik l-ittra ntbagħatet bil-moħbi tal-konvenut.

iii. Fl-affidavit il-konvenut xehed, meta għoxrin sena qabel kien mar igħix fil-fond, *"... kont għamilt ħafna xogħol biex għamiltu abitabbli, billi kien għad fih bini mwaqqa' bil-gwerra"*.[8] Min-naħa l-oħra in kontro-eżami ta x'jifhem li l-post ma kien abitabbli. Fil-fatt ikkonferma li meta kien ser joħroġ mill-Faċilita Korrettiva ta' Kordin, lill-uffiċjali kien tahom l-indirizz tad-dar ta' missieru. Il-konvenut spjega li għamel hekk għaliex *".. kont għadni ma rranġajtx mal-*

6 Fol. 35.
7 Fol. 166 et seq.
8 Fol. 146.

*Housing fejn ħa noqgħod"* u ma kienx jaf fejn ser imur igħix.[9] Imbagħad mistoqsi kif jista' jkun ma kienx jaf fejn ser imur joqgħod jekk kellu l-post in kwistjoni, wieġeb: *"Għax qiegħed nirranġa d-dawl u l-ilma. Ma naħsibx li ser tmur toqgħod f'post bla bieb, bla dawl, bla ilma, ma naħsibx li ser norqod bħall-klieb ..."*.[10] Verżjoni li hi għal kollox in kontradizzjoni ma' dak li xehed fl-affidavit li l-post kien jużah bħala r-residenza tiegħu sa minn għoxrin sena qabel. Huwa proprju inkonsistenzi ta' din ix-xorta li jwasslu lil din il-qorti biex tikkonkludi li x-xhud qed iħawwad u m'huwiex kredibbli.

iv. Hemm dubji serji kemm il-konvenut kien jabita fil-fond oġġett tal-kawża. Hu minnu li fit-28 ta' April, 2004 applika mal-Awtorita' tad-Djar sabiex jingħata akkomodazzjoni alternattiva, u l-indirizz li ta kien dak tal-ambjenti oġġett tal-kawża. Skont Carmen Azzopardi, il-konvenut talab għall-akkomodazzjoni alternattiva *"peress li se nispiċċa mkeċċi fejn qed noqgħod"*.[11] Pero' meta xehed in kontro-eżami ddikjara li l-indirizz li ta lill-uffiċjali tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin, kien 1, Triq San Dwardu, Birgu li m'huwiex il-post meritu tal-kawża. Fil-fatt kompla jixhed li l-post in kwistjoni

9 Fol. 153.
10 Fol. 154.
11 Fol. 108.

lanqas ma kellu dawl u ilma u qal, *"... ma naħsibx li ser tmur toqgħod f'post bla bieb, bla dawl, bla ilma, ma naħsibx li ser norqod bħall-klieb hux"*. Kliem li jwasslu lill-qorti biex tikkonkludi li l-konvenut u l-imsejjah fil-kawża ma qalux il-verita meta fl-affidavit xehdu li l-konvenut kien ilu madwar għoxrin sena jgħix hemm. Saħansitra in kontro-eżami l-imsejjaħ fil-kawża xehed li ibnu mar igħix fil-post in kwistjoni wara li ħareġ mill-Faċilita Korrettiva ta' Kordin;

*"Dr. Farrugia: Meta ħareġ mill-ħabs it-tifel fejn mar joqgħod ?*

"*Xhud: Talabni, għidtlu biex jiġi joqgħod miegħi għax kellu xi clash mal-mara...*

"*Dr Farrugia: Qabel daħal il-ħabs jew wara kellu clash mal-mara għax inti għidt li tlieta u għoxrin sena ilu, skont l-affidavit sur Imħallef, tlieta u għoxrin sena ilu kellu l-inkwiet mal-mara. Issa jidhirli li ħareġ mill-ħabs iktar riċenti.*

"*Xhud: Kellu l-inkwiet mal-mara issa jien ma nafx kemm pero' kemm ilu li ħareġ mill-ħabs...*

"*Dr Farrugia: Fejn mar joqgħod ?*

"*Xhud: Kellu xi jgħid mal-mara.*

"*Dr Farrugia: Rega' ?*

"*Xhud: Dawn infirdu u jien għidtlu biex ma jorqod barra għidtlu biex jiġi joqgħod miegħi u qall: 'Le waħdi rrid noqgħod' qalli 'Għax ma ttiniex tħallini nagħmel hemmhekk, nirranġa hemmhekk u noqgħod hemm ?'*

"*Dr Farrugia: Sewwa jiġifieri talbek il-permess meta ħareġ mill-ħabs biex jirranġa hemhekk ?*

"*Xhud: Sewwa. Issa jien għidltu 'Mur irranġah u mur oqgħod hemmhekk'. Dik l-istorja"*.[12]

12 Fol. 185.

v. In kontro-eżami l-konvenut xehed li l-post hu tiegħu. Verżjoni li tikkontradiċi dak li qal fl-eċċezzjonijiet li l-fond hu proprjeta' ta' missieru.

vi. L-istess konvenut xehed[13] li Sandro Chetcuti kien talbu joħroġ mill-post għaliex ried jixtrih, u wieġbu *"Jien mill-ewwel għidtlu li hemm kien tiegħi"*. Imbagħad in kontro-eżami xehed li meta l-attur Anthony Guillaumier talbu sabiex joħroġ mill-post, wieġbu: *"Għidtlu '**tini ftit żmien ħa naħsibha'** fuq dik il-biċċa negozju li qal"*.[14] Żgur li dan m'huwiex kliem li tgħid persuna li qiegħda f'pussess *animo domini*, jew li kien igħid kieku kien konvint li l-post ta' missieru. In kontro-eżami xehed ukoll li meta applika sabiex jingħata fond alternattiv fejn igħix, *"M'għidtilhomx li kont ser nitkeċċa, għidtilhom li mhux post abitabbli. Hemm differenza minn ħa nitkeċċa għal mhux post abitabbli"*.[15] Verżjoni kontradetta mid-deposizzjoni ta' Carmen Azzopardi. Il-qorti żżid li fl-affidavit il-konvenut qal li Guillaumier kien offrielu fond alternattiv sabiex joħrog minn dak oġġett tal-kawża, u *"Jien kont għidtilhom li kont lest nara l-post u jekk jogħġobni npartu"*.[16] Pero' in kontro-

13 Ara affidavit a fol. 147.
14 Fol. 166.
15 Fol. 158.
16 Fol. 147.

eżami xehed, *"Jien m'offrejtlu xejn u m'aċċettajt qatt, allura jien ma ridt inpartatlu xejn. Hu offrieli"*.[17]

17. Fil-fehma tal-qorti hemm wisq inkonsistenza f'dak li qal il-konvenut u għaldaqstant il-qorti ma tqisux bħala xhud kredibbli.

18. Fir-rigward tal-imsejjaħ fil-kawża, il-qorti tosserva:

i. Fl-affidavit xehed li l-atturi, *"Kienu għamlu xi offerta ta' flus lit-tifel biex ipartulu mal-proprjeta pero' t-tifel ġie jgħidli u jiena rrifjutajt"*.[18] Verżjoni li ma ġietx korroborata mill-konvenut. Anzi in kontro-eżami xehed li l-fond hu tiegħu.

ii. Xehed li missieru kien innegozja dan il-post, *"... ma xi ħadd Carmelo Cefai minn Ħaż-Żabbar"*.[19] Pero' ma ppreżentax kuntratt. Imbagħad in kontro-eżami mistoqsi dwar Cefai, wieġeb: *"Missieri li akkwista; jien ma qgħadx insaqsih minn fejn akkwistah"*. Tweġiba li tagħti lill-qorti x'tifhem li x-xhud kien inkonsistenti.

iii. Ma tax prova meta missieru, George Orsini, ħa l-pussess tal-kmamar u bitħa oġġett tal-kawża.

17 Fol. 165.
18 Fol. 152.
19 Fol. 151.

iv. Ma ressaqx xhieda jew provi oħra li jikkoroboraw il-verżjoni li ta.

v. Jekk il-post kien proprjeta tal-imsejjah fil-kawża u kien jikkunsidrah hekk, m'hemmx dubju li l-konvenut ma kienx ikollu bżonn l-ittra tal-11 ta' Ottubru, 2007 mingħand Prestressed Concrete Limited u anzi kien jitlob ittra mingħand missieru.

vi. Fl-affidavit xehed li madwar 23 sena ilu[20] wara li ibnu ssepara, mar igħix fil-fond u *"Ħlief għall-perjodu qasir meta t-tifel kien spiċċa l-ħabs, dejjem baqa' joqgħod f'dan il-post"*.[21] Ma jirriżultax li l-konvenut kien qiegħed jippossjedi għan-nom tal-imsejjaħ fil-kawża. L-imsejjaħ fil-kawża stess xehed, *"Jien għalhekk kont għaddejtlu l-kmamar bil-bitħa b'kollox u kien irranġahom biex mar joqgħod fihom u anke kien beda jrabbi l-annimali u jagħmel xi xogħol fihom. Jien kont ili żmien li waqaft inrabbi l-klieb"*.[22]

vii. In kontro-eżami xehed li l-atturi qatt ma qalulu li l-post hu tagħhom. Kompla, *"Issa dan l-aħħar sentejn ġie dan*

20 L-affidavit sar f'Ġunju, 2011. Għalhekk skont ix-xhud ibnu mar igħix fil-fond fl-1988.
21 Fol. 151.
22 Fol. 151.

*Frankie u qed igħidli li ser jiġi Guillaumier ikellimni lili u dan qalli, 'Isma' issa ilek biżżejjed hemm, hawnhekk għandna bżonnu,* ***u jien bqajt inħares lejh la għidtlu iva u lanqas le*** *u wara ftit irċevejna karta bl-Avukat"* u ***"Jien ma tkellimtx, bqajt inħares lejh".***[23] Għall-qorti dik m'hijiex reazzjoni ta' min jippretendi li hu sid.

viii. Meta xehed in kontro-eżami, Alfred Orsini wera wkoll inċertezza meta kien mistoqsi:

> *"Dr Farrugia: Inti tiftakar li hemmhekk kien parti waħda ma' San Salvatur u n-naħa l-oħra?*
>
> "*Xhud:* ***Ma jidhirlhix jien****, hemmhekk kien parti għalih niftakar jien għax kien hemm triq hemm rapa u hekk għadu.*
>
> "*Dr Farrugia: Jiġifieri l-proprjeta' li qed nitkellmu dwarha qatt ma kienet magħquda mal-proprjeta San Salvatur ?*
>
> "*Xhud:* ***Ma jidhirlix li kienet dik, mingħalija dik waħedha kienet****".*[24]

Minn hawn hu evidenti kemm dan l-appellant ma jistax jitwemmen meta qal li l-ambjenti kienu minn dejjem f'idejn missieru u li ħa l-pussess tagħhom meta kellu għoxrin

23 Fol. 189.
24 Fol. 182.

sena. Il-pjanta tal-Gvern mehmuża mal-kuntratt tal-1958 turi li dawk l-ambjenti u oħrajn fis-swar kienu parti annessi mal-Fortizza. L-ambjenti in kwistjoni u l-Fortizza nqasmu meta għaddiet Triq San Liberato minn ġo fihom, li skont il-provi seħħ matul is-snin sebgħin.

19. Il-qorti żżid li m'hemmx provi sodisfaċenti li l-ambjenti in kwistjoni kienu ilhom tletin (30) sena fil-pussess kontinwu ta' George Orsini, missier l-imsejjaħ fil-kawża. Fil-fatt lanqas ma ssemmiet data minn meta George Orsini beda jippossjedi. M'huwiex biżżejjed li l-imsejjaħ fil-kawża jgħid, *"Din kienet minn dejjem f'idejn missieri George Orsini"*[25] mingħajr ma jitressqu provi konkreti. Fir-rigward tal-imsejjaħ fil-kawża Alfred Orsini, xehed li kellu 20 sena meta ha l-pussess tal-ambjenti minghand missieru. Fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2011 qal li għandu 72 sena. Għalhekk jekk għall-grazzja tal-argument biss kellha titwemmen il-verżjoni li ta fl-affidavit, il-pussess għadda għandu fl-1959. Kompla jgħid li l-post tah lill-ibnu madwar, *"tlieta u ghoxrin sena ilu"*, li jfisser is-sena 1988 ġialadarba l-affidavit għamlu f'Novembru, 2011. Sa dakinhar kienu ghadhom m'ghaddewx 30 sena. Inoltre ma saritx l-aħjar prova li l-konvenut hu l-werriet ta' missieru. Għalhekk għall-każ ma japplikax l-artikolu 530(2) tal-Kodiċi Ċivili.[26] Għaldaqstant, bażat fuq dak li xehed l-

25 Fol. 151.

26 Artikolu 530(2) tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi: *"Is-suċċessur b'titolu partikolari, gratuwitu jew oneruż, jista' jgħaqqad mal-pussess tiegħu l-pussess tal-predeċessur tiegħu sabiex jitlob u jgawdi l-effetti ta' dak il-pussess"*.

imsejjaħ fil-kawża, meta ibnu ħa l-pussess tal-ambjent, m'hemmx prova li Alfred Orsini kien is-sid tal-ambjenti bis-saħħa tal-preskrizzjoni triġenerarja.

20. Għaldaqstant, l-imsejjaħ fil-kawża ma tax prova sodisfaċenti li akkwista l-proprjeta` tal-ambjenti oġġett tal-kawża permezz tal-preskrizzjoni ta' tletin sena.

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti, u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel qorti. Il-perjodu għall-iżgumbrament jiddekorri mil-lum.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Noel Cuschieri | Anthony Ellul |
| President | Imhallef | Imhallef |

Deputat Registratur
gr